MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Mandat Numru. 1527/2005/1

LBM Breweries
vs
ITC Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' ITC Limited li bih ippremettiet:

Illi s-socjeta` LBM Breweries kienet ipprezentat rikors sabiex jinhareg mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tas-socjeta` ITC Limited sabiex ma jintuzax l-isem Oktoberfest fl-attivita` li ser torganizza fl-ahhar ta' dan ix-xahar.

Illi bid-digriet taghha ta' 1-10 ta' Ottubru 2005, din il-Qorti kienet laqghet it-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni.

Illi s-socjeta` ITC Limited kien bi hsiebha tirrespingi kull pretensjoni li s-socjeta` LBM Breweries kienet qed taghmel fuq l-isem Oktoberfest.

Illi s-socjeta` LBM Breweries kienet intavolat dawn il-proceduri minghajr ma kellha ebda bazi legali u meta huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza internazzjonali u dik lokali li hadd ma jista` jqis li l-kelma defuza b'mod internazzjonali hija proprjeta` eskluziva ta' xi persuna. Il-kelma Oktoberfest, hija kelma uzata u diffuza mad-dinja kollha bhala ma hi l-kelma Christmas, Easter, Halloween etc. B'hekk il-kelma Oktoberfest ma setghet qatt wahedha tohloq konfuzjoni fis-suq, ghaliex hija wahedha kienet sempliciment deskrizzjoni tat-tip ta' attivita`, li l-partijiet kellhom l-intenzjoni li jorganizzaw. Il-kelma Oktoberfest kienet indikat b'mod car lil kull min kien se jattendi li l-attivita` kienet tinkludi ikel u xorb ta' birra.

Illi dan il-fatt wahdu kien irendi t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kien sar b'malizzja, frivola u vessatorja, kif indikat fl-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk suggett ghal penali ta' massimu ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000).

Illi l-fatt li din it-talba malizzjuza, frivola u vessatorja llum kienet intlaqghet u nhareg il-mandat ta' inibizzjoni kien ikkawza danni irriparabbli ghas-socjeta` ITCLimited, u dan stante li l-preparamenti li saru sabiex l-attivita` taghha li ghandha tibda fil-21 ta' Ottubru 2005, kienu ikollu jhassar, minkejja l-investiment sostanzjali li sar mis-socjeta` ITC Limited. Id-deskrizzjoni ta' l-attivita` bhala Oktoberfest kien essenzjali sabiex jattira l-pubbliku li jixtieq jattendi attivita` fejn hemm l-entertainment, ikel u xort ta' birra.

Illi s-socjeta` LBM Breweries kienet taf bosta gimghat qabel li din l-attivita` ta' Oktoberfest kienet qeghda tigi mhejjija u organizzata u fil-fatt kienet mistiedna li tiehu sehem hi wkoll, izda b'intenzjoni ta' malizzja ghazlet li tintavola r-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biss ftit granet qabel l-attivita` kella tibda, bil-konsegwenza li l--pubblicita` kienet kollha finalizzata u mqassma, l-ordnijiet

ta’ entertainment konfermati, il-birra ordnata u importata ghall-okkazzjoni u xoghol preparatorju konkluz.

Illi s-socjeta` ITC Limited fil-fatt l-organizazzjoni ta’ dan it-tip ta’ attivita` jammonta ghal madwar sittin elf lira Maltin (Lm60,000) fuq din l-attivita` fejn hafna minnu kien intefaq diga u f’kas li l-attivita` ma kenitx tista’ ssehh bhala konsegwenza diretta tal-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni fuq indikat potenzjalment kien ifisser li jkun hemm telf ta’ ghal madwar mija u ghoxrin elf lira Maltin (Lm120,000).

Ghaldaqstant is-socjeta` ITC Limited talbet lill-Qorti, ai termini tal-Artiklu 838A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, sabiex tordna lis-socjeta` LBM Breweries taghti garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li kienet tista’ tigi imposta minhabba l-fatt li l-pretesjonijiet tas-socjeta` attrici huma malizzjuzi, frivoli u vessatorji flimkien ma’ garanzija xierqa ghad-danni u l-imghax li kienu gew sofferti u li kienu setghu jigu sofferti bhala konsegwenza tat-talba u l-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni fuq indikat u fin-nuqqas li ssir il-garanzija mitluba jitnehha l-mandat ta’ inibizzjoni.

**B. RISPOSTA:**

1. Illi t-talba ta’ ITC Limited kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u kellha tigi michuda bl-ispejjez.

2. Illi fil-mandat ta’ inibizzjoni diga’ kien gie spjegat li LBM Breweries kienet ilha seba’ (7) snin torganizza attivita` simili ghal dik li trid taghmel ITC Limited bl-isem ta’ Oktoberfest. Issa s-socjeta’ ITC Limited kienet qeghda tipprova taghmel uzu mill-istess isem biex tirreklama l-attivita` li kienet ser torganizza bejn il-21/10/2005 u t-23 ta’ Ottubru 2005.

3. Illi kien minnu li LBM Breweries kienet giet mistiedna biex tippartecipa fl-attivita` li kienet qed torganizza ITCLimited, izda l-istedina ma kenitx giet accettata. Inghad ukoll li LBM Breweries mill-ewwel iddikjarat l-oggezzjoni taghha ghall-uzu tal-kelma Oktoberfest.

4. Illi LBM Breweries kienet ikkontestat l-allegazzjoni ta' ITC Limited li m'ghandha l-ebda dritt ta' uzu esklussiv fuq il-kelma Oktoberfest ghal dawn it-tip ta' attivitajiet. Kif kien ser jirrizuita waqt it-trattazzjoni tal-kawza fil-meritu, il-kelma Oktoberfest kienet sinonimu ma' l-attivita` li LBM Breweries torganizza kull sena fix-xahar ta' Ottubru. Il-konfuzjoni hi fis-sens li facilment l-attivita` ta' ITC Limited tigi konfuza ma' dik li tigi organizzata minn LBM Breweries matul ix-xahar ta' Ottubru. Qabel dak li ghamlet is-socjeta` rikorrenti, kienet LBM Breweries biss li torganizza din it-tip ta' attivita` bl-isem ta' Oktoberfest u dan fuq medda ta' sebgha (7) snin.

5. Illi l-allegazzjoni ta' ITC Limited li minhabba l-hrug tal-mandat, *il-preparamenti li saru-u sabiex l-attvita` taghha li ghandha tibda fil-21 ta' Ottubru 2005, ikollu jhassar, minkejja l-invesiiment sostanzjali li sar mill-intimati"*, ma kienet xejn ghajr dikjarazzjoni falza. ITC Limited kienet giet taghha u xejn iktar. L-attivita` xorta kienet tista' ssir izda mhux bl-isem Oktoberfest. LBM Breweries ma ghandha u qatt ma kellha intenzjoni li zzomm lil ITC Limited milli torganizza attivita` simili ghal dik ta' LBM Breweries, basta li ma jintuzax l-isem ta' Oktoberfest. Sitwazzjoni li kienet regghet giet ikkonfermata waqt laqgha li kienet saret bejn is-socjeta` ITC Limited u l-avukati taghha, u rapprezentant ta' LBM Breweries.

Id-dikjarazzjoni li kienet ghamlet is-socjeta` rikorrenti li *"id-deskrizzjoni ta' l-attivita` bhiala Okboberfest huwa essenzjali sabiex jattira l-putbbliku li jixtieq jattendi fejn hemm l-entertainment, ikel u xorb ta' birra"* ma kienet xejn ghajr invenzjoni u asserzjoni gratuwita li ma' kellhiex bazi.

Wiehed ma setax jonqos milli josserva pero` li minkejja l-ordni tal-Qorti, per ezempju l-billboards li kienu jirreklamaw l-attivita` tas-socjeta` ITC Limited bil-kliem Oktoberfest kienu ghadhom qeghdin jidhru f'xi toroq. Dan bi sfida cara ghall-ordni tal-Qorti **(Dok A u B - ritratti li ttiehdu fl-14/10/2005).**

6. Illi LBM Breweries kienet qeghda wkoll tikkontesta c-cifri li jissemmew fir-rikorsipprezentat mis-socjeta` ITC Limited.

7. Illi mill-kontenut tar-rikors kien jidher bic-car li ma kien hemm xejn li kien qieghed izomm lil ITC Limited milli tibqa' ghaddejja bil-pjanijiet li kellha u zzomm l-attivita`, b'dan li ma tistax taghmel uzu mill-isem Oktoberfest. Kien jidher bic-car pero` li l-uniku skop li kellha s-socjeta` ITC Limited kienet li tipprova tpingi xenarju li l-attivita` ma kenitx tista' ssir biex imbaghad titlob id-danni. Dan kien konfermat ukoll mill-fatt kif ir-rikors sar mhux ghar-revoka tal-mandat izda biss sabiex tinghata garanzija, u s-socjeta` ITC Limited ma kienet qed taghmel xejn biex timminimizza d-danni li kienet qeghda tallega li ser issofri. Jekk ITC Limited kienet ser issofri d-danni allegati minnha dan kien ser ikun tort ta' hadd hlief taghha. Hadd ma kien qed izomm lil ITC Limited milli tibqa' ghaddejja bil-pjanijiet taghha, b'dan li ma kellhiex taghmel uzu mill-kelma Oktoberfest.

8. Illi LBM Breweries kienet qed tikkontesta li t-talba ghal-hrug tal-mandat saret b'malizzja, hi frivola jew vessatorja. Id-dritt tad-danni huwa limitat ghal kazijiet kontemplati fl-Artikoiu 836(8). LBM Breweries kienet qeghda biss tezercita dritt li taghtiha l-ligi li tipprotegi l-isem Oktoberfest li kien sinonimu ma' l-attivita` li torganizza ta' kull sena. Dan ma kienx xi kaz fejn LBM Breweries kienet qeghda tagixxi kapriccozament jew *b'malafede* jew tabbuza mid-drittijiet li taghtiha l-ligi, u ghalhekk ma setghetx tkun responsabbli ghad-danni jew htas ta' xi penali. Certament li r-rikors ipprezentat minn ITC Limited ma kien jaghti l-ebda indikazzjoni li kien hemm xi ***"kawza gusta"*** (kliem ta' l-Artikolu 838 tal-Kap 12) ghalfejn LBM Breweries kellha tigi ordnata taghti l-garanzija li kienet qeghda titlob is-socjeta` rikorrenti. Il-fatt wahdu li jkun inhareg mandat kawtelatorju "ma jitqiesx bhala kawza gusta ghall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni" (ara digriet moghti fl-atti tac-citazzjoni 2062/00JRM fl-ismijiet **Francis X. Aquilina vs**

**David K. Aquilina** degretat minn din il-Qorti (Imhallef J.R. Micallef) fit-12 ta' Awissu 2003).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed Mario Camilleri li qal li hu direttur tad-ditta ITC Limited. Kompla jghid li fl-1993 kien involut fl-organizzazzjoni tal-ewwel Oktoberfest li saret Malta. Bejn l-1995 u l-1998 u fl-2000 kienu saru xi attivitajiet ta' din in-natura fis-Suncrest Hotel. Zied jghid li kienu anke avvicinati mid-ditta Marsovin biex jahdmu ma' xulxin fuq dan il-progett. L-Oktoberfest li kellu jibda f'dawn il-granet ilu jahdem fuqu ghal dawn l-ahhar sena, sena u nofs minhabba li jinvolvi hafna xoghol. F'din l-attivita kellu jkun hemm parti li hija tal-ispettakolu, li tikkonsisti f'banda Bavarjana u Maltin lebsin kostumi li ser jipprovdu kant u zfin. Parti mill-ispettakolu hija wkoll bl-ikel, u hemm parti bid-dwal. Id-hul huwa bil-hlas u hemm zewg kategoriji, Lm1.75 jew Lm1.50 kull persuna. Drinks hemm kemm b'xejn kif ukoll li tista' tixtrihom. Sostna li l-Oktoberfest mhuwiex bhal Beer Festival u dan minhaba l-fatt li hija ezibizzjoni tal-ewwel brew u allura tkun partecipata minn kwantita` kbira ta' kumpaniji.

Kompla jghid li issa qed jirriklama l-kuncett b'mod differenti. Oktoberfest hija kelma Germaniza. Kienu gabu kwantita` ta' souveniers u li bhala investiment ta' preparazzjoni ghal dan l-Oktoberfest id-ditta nefqet mas-Lm26,000 sa issa pero` immagina li l-investiment globali sejjer jispicca mal-Lm50000. Qal li huma kkalkulaw li jidhlu hemm gew mal-40000 ruh.

Zied jghid li sofrew pregudizzju mill-fatt li kellu jinbidel l-isem fis-sens li l-preparazzjonijiet marru aktar lura, certu nies iddubitaw jekk hix l-istess attivita` u allura dan kollu

finalment jimpingi fuq ir-rizultat finali. Oktoberfest mhix il-Bavarian Festival u allura jista' ma jkunx hemm l-istess tip ta' success. L-aktar li jintilef hija l-flow tan-nies ghalkemm ikkalkula li bhala flus ikunu ntilfu mal-15%, 20%. Dhul li kont qed nimmagina li jkun hemm mas-Lm60000 kalkulati fuq 40000 ruh bil-Lm1.50 pero` hemm telf kbir ta' revenue li l-ezibituri ser ibatu minhabba dan il-fattur ukoll.

In kontro ezami qal li huwa veru li parti mir-reklamar jinkludi wkoll il-kelma Octoberfest ghalkemm din hija preceduta bil-kliem "The Bavarian Beer Festival" fuq il-parti ta' fuq, "Celebrates" fil-linja ta' taht u mbaghad hemm il-kelma "Octoberfest" segwita bid-dati. Cahad li kull ma sar hu li l-ittra K saret C fil-kelma Octoberfest ghax dan issa gie precedut bil-kliem "***The Bavarian Beer Festival***" li allura jaghtu kuncett differenti. Wiehed mill-isponsors taghhom huwa Capitol Radio li minhabba ragunijiet logistici ma kienx seta' jbiddel ir-reklam u huwa veru li kien baqa' jirreklama bhala l-Oktoberfest. Ir-reklam tar-radio kien gie mibdul l-ewwel darba meta xehed is-Sur Camilleri. Veru li kien hemm reklam fuq it-TVM is-Sibt pero` dan kien jinkorpora barra l-kelma Octoberfest il-kliem "***The Bavarian Beer Festival***". Zied jghid li din l-attivita` sejra ssir pero` din hija tal-***Bavarian Beer Festival*** jiccelebra l-Octoberfest. Il-Marsovin kien jorganizza l-Lowenbrau Oktoberfest u ilhom jorganizzawh ghal dawn l-ahhar 7 snin.

Regghet semghet lil <u>Mario Camilleri</u> in kontro ezami li dwar il-mod ta' pubblicita` qal li din kienet imxandra fuq ir-radios, intbaghatu wkoll xi fuljetti fil-forma originali taghha u dehru wkoll reklami fuq il-gazzetti u fuq il-billboards. Ir-reklami kienu black and white, pero` kien hemm zewg billboards li kienu tal-kulur u dawn kienu qeghdin il-Marsa u l-Pieta`. Fuq it-television ir-reklami dehru bil-kulur. L-attivita` saret xorta u hu kkonferma li numru ta' mugs inghataw. Kellu ordnati 10000 mug, u kkonferma li dawn inghataw u mhux inbieghu, u huma kellhom il-kelma Oktoberfest miktuba bil-K u kienu ordnati f'Gunju u gew f'Lulju. Dawn inxtraw mill-Germanja minn fuq l-ixkaffa u ma sarux specifikament ghalihom. Min jidhol kien jidhol bil-hlas u mbaghad jinghata l-mug b'xejn wara li tkun

dhalt. Mistoqsi mill-Qorti kemm marru nies bejn wiehed u iehor ghall-attivita` qal li madwar 8000 ghalkemm ma kienx ghadu cert.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET:**

Illi fis-6 ta' Ottubru, 2005 l-LBM Breweries Limited intavolat rikors fejn talbet li peress li jidher manifest li l-isem tal-attivita` Oktoberfest tradizzjonalment uzat mill-LBM Breweries Limited kien qed jigi uzat mis-socjeta` ITC Limited ghal skopijiet kummercjali taghha u li dan kien qieghed jikkostitwixxi konkorrenza zlejali u ghalhekk intalab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex l-ITC Limited tinzamm milli tkompli dik l-attivita` u fl-istess data l-Qorti laqghet it-talba.

Sussegwentement fil-11 ta' Ottubru, 2005 l-ITC Limited pprezentat rikors fejn wara li spjegat il-fatti talbet lil din il-Qorti li ai termini tal-artikolu 838A tal-Kap 12 tordna lil LBM Breweries taghti garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali li tista' tigi imposta flimkien ma' garanzija xierqa ghad-danni u imghax li gew jew jistghu jigu sofferti bhala konsegwenza tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi.

Illi ghalhekk din il-Qorti mhux sejra taghmel apprezzament ta' jekk kenitx qed issir konkorrenza zlejali izda jekk minhabba l-fatt tal-hrug tal-mandat imsemmi, jekk jinstab li kien hemm konkorrenza zlejali u konsegwentement anke danni li hi tghaddi biex tistabbilixxi garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali, danni u imghaxijiet sofferti mill-ITC Limited.

L-artikolu relevalti ghalhekk huwa l-artikolu 838A li jghid:
**"838A.** Il-Qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta' l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju."

Il-Qorti tinnota li l-artikolu 838A huwa fakoltattiv ghax il-Qorti "tista'" tordna meta tintwera gusta kawza.

Mario Camilleri ghall-ITC Limited ikkontenda li l-uzu tal-kelma Oktoberfest ma tikkostitwix konkorrenza zlejali izda hija kelma li mhix bl-ebda mod ta' proprjeta` esklussiva ta' xi persuna, anzi sostna li hi kelma bhal Christmas, Easter u Halloween, u ghalhekk ma tistax tikkawza konfuzjoni fuq is-suq izda hija biss deskrizzjoni ta' tip ta' attivita` li tinkludi ikel u xorb ta' birra. Sostna li l-agir ta' LBM Breweries li talbet il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kien sar b'malizzja u a tenur tal-artikolu 836(8)(d) jista' jkun suggett ghal penali ta' massimu ta' Lm3000.

Semma wkoll id-danni li gew kawzati lilu u sostna li dawn kienu kbar. Semma wkoll li hu kien qed jahseb li kieku l-attivita` ma gietx mizmuma kien ser ikollu 40,000 ruh jattendu u li dawn kienu jhallsu kollha biex jidhlu Lm1.50 jew Lm1.75 u ghalhekk dhul biss kien ikollu mas-Lm60,000 u dan apparti bejgh ta' oggetti u ikel. Semma li bhala fatt bl-attivita` li ghamel kif giet mibdula marru biss 8,000 ruh. Spjega li minhabba l-hrug tal-mandat biddel il-kampanja tal-marketing u anke l-isem ghal Octoberfest u minhabba l-incertezza u nuqqas ta' reklamar bilfors li attendew anqas nies u li dan ikkawzalu ghalhekk danni. Pero` din il-Qorti ma tistax hlief tirrimarka li skond ix-xhieda tal-istess Camilleri hu kien ordna 10,000 mug u ssib li din hija verament stramba li jekk hu kien qed iqassam wiehed lil kull min jidhol, jistenna li jigu 40,000 u jordna biss 10,000.

Min-naha l-ohra huwa veru li bniedem jew kumpanija li ssib mandat ta' inbizzjoni ma' wiccha bil-fors li tnaqqas l-ammont ta' preparazzjoni ghal attivita` minhabba l-biza ta' jekk hux qed taghmel xoghol u spejjez ghal xejn. Din il-qorti ghandha dubji kbar pero` wkoll dwar kemm naqset l-attendenza minhabba l-mod kif inkitbet il-kelma Oktoberfest jew Octoberfest, kemm kienu dawk l-***ordinary man in the street*** li nnutaw id-differenza? Ukoll il-***marketing*** ta' din l-attivita` sar kollu fl-ahhar? Ghax kampanja ta' ***marketing*** ma ssirx bejn is-6 u l-21 ta' Ottubru, u cioe` minn meta hareg il-mandat sa meta ssir l-attivita`. Min-naha l-ohra xi telf zgur kien hemm u minghajr ma tidhol fil-kwistjoni ta' jekk kienx hemm

konkorrenza zlejali jew le, il-Qorti thoss li ghandha timponi l-obbligu tal-garanzija fuq l-LBM Breweries ta' Lm4,000 ghal penali u danni u imghaxijiet, liema garanzija ghandha ssir fi zmien ghaxart ijiem mil-lum.

Certament li mhux il-kaz ta' dikjarazzjoni ta' penali li ghaliha ghamel referenza r-rikorrent fir-rikors tieghu u li semma li taht l-artikolu 836(8)(d) l-LBM Breweries hija suggetta ghal penali sa massimu ta' Lm3000. Inoltre l-imsemmi sub-artikolu jispecifika li din it-talba ghandha ssir b'citazzjoni, u ghalhekk din il-Qorti fikl-kaz in ezami ma tistax timponi penali minhabba li l-artikolu 836(9) huwa car in kwantu jiddisponi li tali talba ghandha ssir b'citazzjoni. Ir-rikorrent ma jistax ghalhekk permezz tar-rikors tieghu jitlob id-danni abbazi ta' din id-disposizzjoni, li semmai kellu jaghmel b'citazzjoni.

Ukoll danni jinghataw raramente. Fid-decizjoni dwar **Blye Engineering Co. Ltd. vs Paolo Bonnici Ltd.** Deciza fis-7 ta' Lulju, 2004 il-Qorti qalet:
"Huwa biss meta persuna tagixxi kapriccosament jew *b'mala fede*, li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwi l-agir irresponsabbli taghha".

Ukoll fid-decizjoni **tal-SN Properties Ltd. vs Camilleri** deciza fis-6 ta' Gunju 2000 intqal li:
"jkun hemm abbuz mill-hrug tal-mandat … meta jkun hemm ***mala fede***, vessatorjeta` jew negligenza grossolana".

Dan certament ma japplikax fil-kaz odjern ghax dawn l-elementi ma jirrizultawx u ghalhekk tichad din it-talba.

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------